MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 2598/1998/1

**Alfred Spiteri**

**v.**

**Maltacom plc**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru, 1998 illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi huwa kien ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fejn wara li ppremetta li kien gie maqbuz fi promozzjoni talab rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni ta' TTO jew OO; illi in effetti, b'sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji datata 19 ta' Frar 1998 (Dok A) l-istess Tribunal akkolja t-talbiet tieghu u ordna li jew jinghata l-grad ta' Operations Officer *back dated* ghall-1987 jew jekk dan ma jistax isir jinghata rimedju pekunjarju fis-somma ta' Lm4000; illi in effetti l-Korporazzjoni konvenuta taghtu l-arretrati dovuti li kieku ha l-promozzjoni ta' Operations Officer sa mill-1987 u poggitu fil-grad ta' Customer Service Officer, liema grad illum jekwivalixxi l-grad ta' Operations Officer; illi però skond il-ftehim kollettiv li kien sar dawk li kienu Operations Officers gew assimilati fil-grad ta' Assistant Head f'Gunju 1993; illi tenendo kont is-sentenza tat-Tribunal imsemmija l-attur kellu l-grad necessarju biex jigi huwa wkoll assimilat fil-grad ta' Assistant Head izda dan nonostante s-socjetà konvenuta rrifjutat li taghtih din il-kariga; talab ghaliex dik l-Qorti m'ghandhiex, prevja li tiddikjara li l-kariga ta' Operations Officers tekwivalixxi l-kariga ta' Customer Service Officer u li skond il-ftehim kollettiv l-Operations Officers gew assimilati fil-kariga ta' Assistant Heads, tikkundanna lis-socjetà konvenuta taghti dan (*sic*) il-kariga lill-attur; bl-ispejjez u konvenuti ingunti (*sic*) in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi kwalunkwe pretensjoni bazata fuq l-Att VIII ta' l-1997 jew fuq id-dritt ta' azzjoni jew fuq ir-rakkomandazzjonijiet taht l-istess Att, huma perenti *ai termini* l-Artikolu 9 ta' l-istess Att. L-attur ma jistax, kif qed jintenta, jestendi l-effett ta' l-istess Att bi proceduri quddiem din il-Qorti;

2. Illi f'kull kaz it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu;
3. Illi bla pregudizzju, l-attur digà inghata rimedju kompensattiv shih a bazi tar-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata mill-Prokuratur Legali Noel Scerri, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ewwel (1) ta' Gunju, 2001 illi permezz taghha l-Qorti cahdet it-talbiet attrici u ordnat illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in vista tan-natura specjali tal-vertenza, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Jirrizulta li b'decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tad-19 ta' Frar 1998, l-istess Tribunal irrakkomanda li l-attur, li hu impjegat mas-socjetà konvenuta, jew jinghata l-grad ta' Operations Officer b'effett mill-1987 jew jinghata s-somma ta' Lm4000. Wara din id-decizjoni s-socjetà konvenuta segwit ir-rakkomandazzjoni ta' l-imsemmi Tribunal u dana billi l-attur inghata l-promozzjoni ghall-grad ta' Customer Service Officer, li hu grad ekwivalenti ghal dak ta' Operations Officer, b'effett mill-1987;

"L-attur isostni li huwa ghandu ukoll jinghata l-grad ta' Assistant Head u dana billi in virtù tal-ftehim kollettiv applikabbli, f'Gunju 1993, dawk li kienu Operations Officers gew assimilati fil-grad ta' Assistant Head;

"Is-socjetà konvenuta qed teccepixxi li kull pretensjoni ta' l-attur li hi bazata fuq il-provvedimenti ta' l-Att VIII ta' l-1997 hi perenta u dana *ai termini* ta' l-istess provvedimenti. Qed jigi eccepit ukoll li l-attur ma jistax jestendi l-effett ta' l-imsemmi Att permezz ta' dawn il-proceduri. Is-socjetà konvenuta tissottometti inoltre li l-attur inghata dawk ir-rimedji kollha li kellu jinghata u dana mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji;

"Il-kwestjonijiet kollha li gew sollevati mill-partijiet u li jirrigwardaw l-Att VIII ta' l-1997, in effett huma ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li wara li inghatat l-istess decizjoni mit-Tribunal, cioè ftit xhur wara Frar ta' l-1998, is-socjetà konvenuta ghazlet li tippromovi l-attur, b'effett mill-1987, ghall-grad ta' Customer Service Officer, li hu grad ekwivalenti ghal dak ta' Operations Officer. Hi din id-decizjoni tas-socjetà konvenuta li hi rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk il-kwestjoni li ghandha tigi deciza, f'dawn il-proceduri, hi jekk, la darba l-attur inghata l-imsemmija promozzjoni b'effett mill-1987, l-istess attur ghandux jinghata ukoll il-grad ta' Assistant Head, stante li fl-1993 dawk li kellhom il-grad ta' Customer Service Officer gew promossi appuntu ghal Assistant Head u dana a bazi tal-ftehim kollettiv li kien applikabbli dak iz-zmien;

"Jirrizulta li fis-7 ta' Awissu 1993 intlahaq ftehim, cioè *restructuring agreement* bejn is-socjetà konvenuta u l-General Workers Union, liema ftehim kellu jkun effettiv mill-1 ta' Gunju 1993. Dan il-ftehim (*vide* dokument LD1 - fol. 33 sa 49) kien jittratta dwar *unit* wahda, li kellha tkun mgharufa bhala *Customer Service Unit* u li kellha tikkomprendi kemm haddiema tat-telefonija kif ukoll tat-telegrafija. Fost affarijiet ohra l-ftehim jipprovdi il-mod kif kellha ssir l-assimilazzjoni ta' impjegati fit-telegrafija/telefonija fil-gradi l-godda. Il-ftehim jittratta ukoll dwar in-numru ta' impjegati li kienu mehtiega fl-imsemmija *unit* u f'dan ir-rigward issir riferenza ghal Annex B1 u Annex B2 ta' l-istess ftehim;

"Jirrizulta ghalhekk li mhux kull min kellu il-grad ta' Customer Service Officer gie assimilat fil-grad ta' Assistant Head u fil-fatt tali assimilazzjoni kellha ssir skond is-*seniority*. Barra minn hekk kull min ried li jigi assimilat fl-imsemmi grad kellu japplika. Hu ovvju li l-attur ma setax japplika peress li f'dak iz-zmien ma kellux il-grad ta' Customer Service Officer. Id-decizjoni li s-socjetà konvenuta hadet fil-1998 kienet tfisser biss li l-attur inghata promozzjoni u l-arretrati ta' paga kellhom jigu

kalkolati mill-1987. B'din id-decizjoni tas-socjetà konvenuta, l-attur ma inghata ebda dritt iehor;

"In vista ta' dan kollu it-talbiet kollha attrici ma jirrizultawx sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu rigettati;"

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tigi mhassra, revokata u kancellata billi jigu akkolti t-talbiet ta' l-attur appellant u jigu michuda l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta appellata u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellata;

Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta appellata illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell ta' l-attur jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-ewwel illi ghandu jigi konsidrat huwa l-aggravju ta' l-appellant kontenut fil-paragrafu enumerat hamsa (5) tar-rikors ta' appell; dana peress illi, jekk dan l-aggravju huwa fondat, jista' jkun hemm il-htiega illi jigu konsidrati l-aggravji l-ohra ta' l-appellant filwaqt illi, jekk dan l-aggravju mhux fondat, zgur illi ma jkunx hemm il-htiega illi l-aggravji l-ohra jigu konsidrati;

Fl-imsemmi paragrafu hamsa (5) tar-rikors ta' appell jinghad hekk:
"Illi in oltre il-[ewwel] Qorti tirrileva illi [sabiex tiddetermina] min kellu jinghata l-grad ta' Assistant Head, is-socjetà konvenuta-appellata uzat il-kriterju tas-seniority u appuntu mid-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li tifforma parti mill-atti illi kien hemm quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta illi l-attur-appellant kellu seniority

aktar minn dawk illi hadu din il-promozzjoni ta' Assistant Head u sahansitra anke kien hemm ezamijiet u/jew interviews illi fihom huwa gab marki aktar minn hafna minnhom."

M'hemmx dubbju illi fil-bran appena citat mir-rikors ta' appell l-appellant qed jirreferi ghall-parti segwenti tas-sentenza appellata (fil-bidu ta' l-ahhar pagina taghha):
"Jirrizulta ghalhekk li mhux kull min kellu il-grad ta' Customer Service Officer gie assimilat fil-grad ta' Assistant Head u fil-fatt tali assimilazzjoni kellha ssir skond is-*seniority*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

L-ewwel Qorti kienet korretta illi tghid illi l-assimilazzjoni fil-grad ta' Assistant Head "kellha ssir skond is-*seniority*" ghaliex hekk jistipula l-ftehim bejn l-allura Korporazzjoni Telemalta u l-General Workers' Union (Dok. LD1, fol. 33 *et seq.*), precizament il-partita numru 4(m)(i) ta' l-istess ftehim, ftehim illi fuqu l-attur appellant qed jibbaza t-talba tieghu, kif jirrizulta mid-dicitura tar-raba' (4) premessa fl-att ta' citazzjoni u tat-talba relattiva;

Huwa l-appellant illi mhux korrett meta jghid illi "… mid-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jirrizulta li l-attur-appellant kellu seniority aktar minn dawk illi hadu din il-promozzjoni ta' Assistant Head …". Infatti, dina l-Qorti fliet l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Dok. A, fol. 6 sa 13) u ma sabiet ebda hjiel ta' prova jew konstatazzjoni illi l-attur kellu *seniority* aktar minn dawk illi hadu l-kariga ta' Assistant Head. A skans ta' ekwivoci, tajjeb illi jinghad illi anqas mill-provi prodotti fil-proceduri odjerni ma tirrizulta din is-*seniority* ta' l-attur appellant;

Huwa mehtieg illi jigi rilevat ukoll illi *ai termini* ta' l-*Annex 'B' 2* (fol. 44) ta' l-imsemmi ftehim Dok. LD1, invokat mill-attur, in-numru ta' Customer Service Officers (jew Operations Officers) illi kellhom jigu assimilati fil-grad ta' Assistant Head kien ta' tlieta (3) u illi, skond dak illi xehed David Buttigieg, Executive Principal mas-socjetà konvenuta (fol. 58), meta dahal fis-sehh l-imsemmi ftehim, il-vakanzi fil-grad ta' Assistant Head imtlew kollha;

Illi, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-aggravju in ezami ta’ l-appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, minn dak illi inghad sa issa, ghandu jkun evidenti illi it-talba attrici ma setghatx tintlaqa’ u, konsegwentement, il-konsiderazzjoni ta’ l-aggravji l-ohra ta’ l-appellant ikun biss ezercizzju akkademiku, ezercizzju illi mhux opportun u indikat illi jsir;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------